MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 613/1997/1

**Maria mart Michael Muscat u l-istess Michael Muscat bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u b'digriet tal-10 ta' Novembru 1998 Maria Muscat assumiet l-atti tal-kawza**

**v.**

**Benny Dingli, l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali tar-Repubblika**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell, interpost minn Maria Muscat, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali u ‘konvenzjonali’ taghha, fit-30 ta’ Novembru 2006.

**2.** B’rikors migjub quddiem l-ewwel Qorti fit-23 ta’ Ottubru 1997, Maria Muscat u, dak iz-zmien, zewgha, fissru li l-istess Maria Muscat kienet proprjetarja tal-fond nru 99 Valletta Road, Imqabba li kien mikri lil Benny Dingli. Maria Muscat kienet tghix ma zewgha f’fond 63, Triq Santa Katerina, l-Imqabba stess, liema fond kien proprjeta` taghha, ta’ bintha Teresa Mifsud u ta’ Carmen Sacco. Hija fissret li kienet saret taf li l-imsemmi Benny Dingli kellu proprjeta` ohra tieghu personali li kien jista’ facilment imur jabita fiha ghax kienet vojta. Muscat, ghalhekk, talbet il-fond taghha lura, izda Dingli irrifjuta din it-talba. Ghalhekk hija pprezentat rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex hija tiehu lura l-fond taghha. Din it-talba taghha, pero`, ghar-ripresa lura tal-fond giet definittivament michuda mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta’ Frar 1997 b’sentenza li rrevokat id-decizjoni tal-Bord li kien akkolja t-talba.

**3.** Muscat allegat fir-rikors promotorju msemmi li b’din is-sentenza tal-24 ta’ Frar 1997 gew ivvjolati d-drittijiet fondamentali taghha kif protetti bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea inkorporata fl-Kap. 319. Skond ir-rikorrenti – illum appellanti – Muscat, meta l-Qorti ta’ l-Appell ikkowotat is-subinciz (b) tal-Artikolu 9 tal-Kap. 69 – illi jawtorizza r-ripresa tal-fond illi jkun mikri lil terzi persuni kemm-il darba l-istess sid ikun irid il-fond ghalih innifsu u kemm-il darba l-Bord ikun sodisfatt illi l-kerrej jista’ jsib dar ohra fejn joqghod, dik l-istess Qorti tal-Appell “kellha tiehu in konsiderazzjoni l-fatti partikolari tal-kaz.” Skond l-imsemmija Muscat, dawn il-fatti kienu juru illi l-kerrej kellu dar ohra ghad-disposizzjoni tieghu fejn jista’ jmur jabita u illi ghalhekk it-tieni parti tal-imsemmi subinciz (b) gie sodisfatt. Ir-rikorrenti tkompli tghid: “Dana jfisser illi l-kerrej qieghed jirrifjuta li jirritorna l-fond lis-sid kapriccosament.” Ir-rikors promotorju ikompli hekk:

“Illi ghalhekk il-Qorti bbazat ruhha fuq l-ewwel parti tas-subinciz (b) ta’ l-imsemmi artikolu meta qalet illi s-sid ma rnexxilux jipprova li ghandu grad ragjonevoli ta’ bzonn illi

jiehdu ghall-okkupazzjoni tieghu jew tal-persuni msemmija fil-ligi.

“Illi ghalkemm l-esponenti mhumiex jippremettu illi ‘l fuq imsemmi subinciz (b) ta’ l-artikolu 9 tal-Kap. 69 jikser id-drittijiet fundamentali f’kull kaz, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz taghhom dan qieghed jaghmlu esplicitament, u mhux qieghed jintlahaq dak il-bilanc neccessarju kontemplat fl-Artikolu 1 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta [recte: l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporat fil-Kap. 319 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta]. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell lill dan l-artikolu tal-ligi (*sic!*) fil-precitata sentenza jivvjola d-drittijiet taghha taht il-Konvenzjoni Ewropea kif fuq inghad.

“Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li gie vjolat fil-konfront taghha bil-fatti fuq esposti l-ewwel artikolu ta’ l-ewwel protokoll tal-Kap. 319 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta [recte: tal-Konvenzjoni Ewropea] u b’hekk tordna li tinghata r-rimedju opportun, inkluz l-annullament tal-precitata sentenza.”

**4.** Fir-risposta taghhom il-Prim Ministru u l-Avukat Generali eccepew (i) illi l-Prim Ministru kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghax gie citat inutilment, (ii) li l-Prim Awla ma kellhiex il-kompetenza li terga’ tiehu konjizzjoni tal-fatti li kienu ga gew ikkunsidrati mill-Qorti tal-Appell, (iii) li l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll ma kienx japplika f’dan il-kaz, ghax l-aktar li jista’ jinghad huwa li kien qed isir kontroll tal-uzu tal-proprjeta`, haga li hi permessa skond l-istess artikolu, u (iv) li fi kwalunkwe kaz il-gurisprudenza tal-Qorti ta’ Strasbourg kienet turi li f’kazijiet simili ma kien hemm ebda lezjoni tal-imsemmi Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll – huma ghamlu referenza ghal **Vellosa Bareto v. Portugal** u **Connie Zammit and others v. Malta**.

**5.** Benny Dingli, fir-risposta tieghu, eccepixxa (i) li ma setghetx tittiehed azzjoni ghal ksur tad-drittijiet fondamentali kontra tieghu, ghax tali kawza setghet issir

biss kontra l-Istat, (ii) li f'dan il-kaz ma hemm ebda deprivazzjoni ta' proprjeta` – hemm biss kirja li l-partijiet dahlu ghaliha volontarjament u li kienet ghadha vigenti, (iii) li l-Qorti tal-Appell kienet waslet ghall-konkluzjoni taghha ghax irriteniet li l-atturi ma ssodisfawx lill-Qorti li huma kellhom grad ragjonevoli ta' bzonn – l-imsemmi Dingli qal in partikolari li f'dawk il-proceduri l-ohra "ir-rikorrenti kienu stqarru li ma riedux il-fond ghalihom innifishom izda riedu l-fond sabiex jitrasferuh lil haddiehor", u li ghalhekk dan ma jikkostitwix "il-bzonn" rikjest fil-ligi; qal ukoll li l-post 62 Triq Santa Katerina, l-Imqabba kien fil-fatt proprjeta` assoluta tar-rikorrenti Maria Muscat. Finalment eccepixxa (iv) illi ma kienx minnu illi huwa kellu dar ohra a disposizzjoni tieghu fejn hu u martu jistghu jmorru u li bl-ebda mod ma kien jista' jinghad li l-agir tieghu kien wiehed kapriccjuz.

**<u>Id-disposizzjoni tal-ligi</u>**

**6.** L-Artikolu 9(b) tal-Kap. 69 jipprovdi testwalment hekk:

**Il-Bord jaghti l-permess imsemmi** [ghar-ripresa lura tal-fond fi tmiem il-kirja] **fl-ahhar artikolu qabel dan f'dawn il-kazijiet…(b) jekk sid il-kera jkun irid il-fond (barra minn hanut) ghalih innifsu jew ghal axxendent jew dixxendent tieghu mid-demm jew bi zwieg, jew ghal huh jew ohtu u (hlief kif xort'ohra jinghad f'dan il-paragrafu ta' dan l-artikolu) il-Bord ikun sodisfatt illi l-kerrej jista' jsib dar ohra fejn joqghod li tkun tghodd ghall-mezzi tieghu u tal-familja tieghu ghal dak li hu wisa' u ghal dik li hija sura, u li tkun qrib ghax-xoghol tieghu (jekk ikun jahdem):**

**Izda l-fatt li l-kerrej jista' jsib dar ohra fejn joqghod ma jgibx illi l-Bord ghandu jaghti l-permess ghall-ksib lura tal-pussess tal-fond taht dan il-paragrafu ta' dan l-artikolu, jekk il-Bord ikun sodisfatt, wara li jqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz flimkien mal-fatt li jkun hemm dar ohra tajba ghal sid il-kera jew ghall-kerrej, illi l-aggravju jkun akbar jekk il-permess ghall-ksib lura tal-pussess jigi michud milli kieku jigi moghti."**

## Is-sentenza appellata

**7.** B'sentenza moghtija fit-30 ta' Novembru 2006, il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddisponiet mill-kawza billi (i) laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-Prim Ministru, iddikjarat li hu ma kienx il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghalhekk illiberatu mill-osservanza tal-gudizzju, u (ii) fil-mertu cahdet it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom, *"billi ma ntweriex li l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) bis-sentenza taghha tal-24 ta' Frar 1997, fil-kawza fl-ismijiet* *Maria mart Michael Muscat et v. Benny Dingli* *(Rik. Nru 134B/90) kisret il-jedd spettanti lir-rikorrenti taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni."* Dik il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

"Illi r-rikorrenti ressqu din l-azzjoni "kostituzzjonali" billi qegħdin jgħidu li ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom li jgawdu ġidhom bla ndħil u li l-ebda persuna m'għandha tiċċaħħad mill-possedimenti tagħha. Dan il-ksur seħħ bis-saħħa ta' sentenza li ngħatat fi Frar tal-1997, u li ċaħħdithom milli jieħdu lura f'idejhom post mikri lill-intimat Dingli;

"Illi l-fatti ewlenin li jirrigwardaw il-każ juri li r-rikorrenti Maria Muscat, flimkien maż-żewġ uliedha bniet, hija s-sid ta' post li jinsab fi Triq Valletta, l-Imqabba, li huwa mikri lill-intimat Dingli biex jgħix fih. Il-post wirtitu mingħand zijuha qassis[1] (li kienet tgħix miegħu fl-imsemmi post u sa ma miet), wara li kien tħalla b'titolu ta' legat lil kongregazzjoni ta' sorijiet li, madankollu, irrinunzjaw għall-imsemmi legat b'nota mressqa fir-Reġistru tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fid-19 ta' April, 1976[2]. Il-post inkera mill-istess rikorrenti lill-intimat Dingli fl-20 ta' April tal-1976[3], bil-kera ta' ħamsin lira (Lm 50) fis-sena, li, wara sena, għola għal tmenin lira (Lm 80)[4]. L-intimat jiġi żewġ bint oħt ir-rikorrenti[5]. Lejn l-aħħar tas-sena 1980[6], l-intimat Dingli kien applika għal u ntgħażel biex jikseb biċċa art fl-

[1] Dok "MM1", f'paġġ. 41-5 tal-proċess
[2] Dok "MM2", f'paġ. 46 tal-proċess
[3] Xhieda tagħha 6.6.1991, f'paġ. 4 tal-atti tar-Rikors 134B/90RRB
[4] Xhieda tal-intimat Dingli 3.11.2004, f'paġ. 148 tal-proċess
[5] Xhieda tagħha 14.2.2003, f'paġ. 59 talo-proċess
[6] Dok "MM5", f'paġġ. 109-119 tal-proċess

Imqabba stess mingħand il-Knisja b'titolu ta' ċens għal mija u ħamsin (150) sena. L-art bniha u żammha għandu;

"Illi fl-1990, ir-rikorrenti u żewġha fetħu kawża quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex jieħdu l-post lura billi qalu li l-intimat kerrej kellu post ieħor fl-Imqabba stess fejn seta' jgħammar, u wkoll minħabba li l-post riduh għalihom għaliex id-dar fejn jgħixu kienet ta' bosta sidien li riedu jaqsmuh bejniethom. Il-Bord tal-Kera laqa' t-talba tagħhom b'sentenza mogħtija fis-6 ta' Ġunju, 1995[7]. L-intimat appella u l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) laqgħet l-appell tiegħu u qalbet is-sentenza tal-Bord, bis-sentenza tal-24 ta' Frar, 1997, li dwarha r-rikorrenti ressqu l-ilment konvenzjonali tagħhom f'din il-kawża. Din il-kawża nfetħet f'Ottubru tal-1997;

"Illi l-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ billi tqis qabel kollox li r-rikorrenti nnifisha tgħid li l-ilment tagħha jintrabat mas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell, u kif dik is-sentenza applikat l-artikolu 9(b) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Hija mhix qegħda tgħid li l-imsemmi artikolu jikser xi jedd fundamentali tagħha, u għalhekk m'hijiex qegħda timpunja l-liġi nnifisha;

"Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ l-aspetti ġuridiċi rilevanti marbutin mal-każ, ikollha tosserva li ma naqasx li tul id-disa' snin li din il-kawża ilha tistema', il-partijiet iddedikaw ħafna enerġija biex jerġgħu jiġġustifikaw il-qagħda rispettiva tagħhom bħallikieku din il-Qorti kienet qegħda terġa' tisma' mill-ġdid il-mertu tal-kawża mibdija quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera. M'hemmx għalfejn jingħad li xogħol din il-Qorti huwa biss dak li tistħarreġ jekk hux minnu li l-jedd tar-rikorrenti għat-tgawdija ta' ħwejjiġha inkiser minħabba s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fi Frar tal-1997. Lil hinn minn hekk, m'għandux jerġa' jinfetaħ il-każ. Il-provi li din il-Qorti sejra tqis iridu jkunu dawk strettament rilevanti mad-determinazzjoni ta' dan il-kweżit speċifiku u fl-ambitu tal-kompetenza ta' din il-Qorti kif issa investita bil-każ;

[7] Paġġ. 62-5 tal-atti tar-Rikors 134B/90RRB

“Illi l-Qorti tgħaddi biex tqis **l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Onorevoli Prim Ministru**. Din tgħid li hu ma kienx messu jiddaħħal fl-azzjoni tar-rikorrenti. Din il-Qorti tqis li l-kwestjoni ta’ min hija l-persuna xierqa li għandha titħarrek f’kawża hija ta’ siwi daqs kemm hu meħtieġ li tkun xierqa l-persuna li tiftaħ il-kawża. Sakemm ma jkunx jidher li l-eċċezzjoni qegħda titqajjem biss bħala manuvra proċedurali, id-determinazzjoni ta’ min għandu jkun fil-kawża hija aspett fundamentali tal-azzjoni li tkun, u dan għaliex kull att ġudizzjarju li jsir minn jew kontra persuna li ma tistax toqgħod f’kawża u li ma tkunx awtorizzata regolarment għal daqshekk, huwa att li ma jiswiex[8];

“Illi, kif ingħad mill-Qrati tagħna, l-eċċezzjoni tal-illeġittimita` tal-persuna hija perentorja tal-ġudizzju, għax jekk tintlaqa’ l-ġudizzju jaqa’ u jispiċċa. Għalhekk dik l-eċċezzjoni tista’ titqajjem ukoll f’kull stadju tal-proċess, imqar fil-grad tal-appell[9], u jekk kemm-il darba tintlaqa’, iġġib magħha l-ħelsien tal-parti mħarrka milli tibqa’ fil-kawża[10];

“Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta’ min għandu jwieġeb għal xilja ta’ ksur ta’ jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta’ rimedju li jista’ jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-realta` u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta’ persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntraditturi f’azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta’ persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta’ xiħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f’kawża meta kwestjoni ta’ xejra kostituzzjonali jew

---

[8] Art. 787(1) tal-Kap 12

[9] App. Ċiv. **19.7.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Soċjeta’ Filarmonika ‘La Stella’ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.625**)

[10] App. Ċiv. **3.2.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Dacoutros vs Petrococchino et*** (Kollez. Vol: **XXXIV. i. 321**)

konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti[11]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;

"Illi l-imsemmija kategoriji tfasslu mill-frott ta' sensiela ta' deċiżjonijiet li ippruvaw jirregolaw is-sitwazzjoni qabel ma saru l-bidliet fil-liġi proċedurali fl-1995, li kienu maħsuba biex ma jħallux aktar kwestjonijiet ta' xejra preliminari dwar min għandu jidher għall-Gvern, ixekklu l-mixi 'l quddiem tas-smigħ tal-kawżi fil-mertu. Bis-saħħa tal-artikolu 181B tal-imsemmi Kodiċi, ir-regoli iċċaraw kif wieħed għandu jirregola ruħu mhux biss f'kawżi ta' xejra kostituzzjonali;

"Illi meta l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali jirrigwarda l-operat ta' Qorti, il-fehma hija li l-kontradittur leġittimu jkun l-Avukat Ġenerali[12]. Dan jingħad għaliex, jekk wieħed jaqra l-kliem tal-artikolu 181B tal-Kodiċi tal-Proċedura – liema artikolu ma joħloq l-ebda distinzjoni bejn kawżi dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali u kawżi ta' xort'oħra – għandu jsib li fejn il-kawża ma tkunx tista' ssir kontra xi wieħed mill-kapijiet tad-dipartiment governattiv fil-każijiet maħsuba fl-ewwel sub-artikolu, allura l-Gvern huwa rappreżentat mill-Avukat Ġenerali;

"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li l-leġislatur ried li f'kull każ li fih waħda mill-partijiet tkun il-Gvern, dik ir-rappreżentanza tkun prinċipalment f'kap tad-dipartiment u, fejn dan ma japplikax, sussidjarjament fil-persuna tal-Avukat Ġenerali, li dejjem u f'kull każ irid jiġi wkoll notifikat bl-atti ġudizzjarji li jitressqu kontra l-Gvern[13];

"Illi għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Prim Ministru tidher mistħoqqa u sejra tintlaqa';

---

[11] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et***

[12] Kost. **8.11.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***George Xuereb vs Reġistratur tal-Qrati et***

[13] Art. 181B(3) tal-Kap 12

"Illi **dwar l-ilment tar-rikorrenti fil-mertu**, diġa` ntwera li dan jikkonsisti fl-allegazzjoni tagħha li, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ tagħha, it-tħaddim tal-artikolu 9(b) tal-Kap 69 qiegħed espliċitament jikser il-jeddijiet tagħha taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, billi mhux qiegħed jilħaq il-bilanċ meħtieġ li dak l-artikolu jikkontempla. Hija qegħda tirreferi għall-bilanċ bejn l-interessi tagħha bħala sid il-post u l-interess pubbliku li ispira d-dispożizzjoni tal-artikolu 9 tal-Ordinanza;

"Illi l-Qorti tistqarr li l-mod kif ir-rikorrenti impostat ir-rikors tagħha m'huwiex wieħed ortodoss għall-aħħar. Dan qiegħed jingħad għaliex fir-rikors promotur tagħha ir-rikorrenti qegħda tgħid li l-ksur tad-dritt li tilminta minnu nħoloq bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Frar, 1997. Kemm hu hekk, fl-istess rikors ir-rikorrenti tgħid li kienet l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tat lill-artikolu 9(b) tal-Kap 69 li jikser id-dritt fundamentali tal-istess rikorrenti;

"Illi wieħed kien jistenna li, dwar l-operat ta' xi Qorti, persuna tilminta minn ksur tal-jedd għal smigħ xieraq: iżda li wieħed jallega li, bl-għoti ta' sentenza, Qorti kisret il-jedd ta' persuna mit-tgawdija ta' ħwejjiġha x'aktarx ikun qiegħed iġebbed għall-estremi l-portata tal-jedd innifsu. Meta Qorti tagħti sentenza, hija ma "tiħux" proprjeta` ta' xi ħadd u lanqas "tagħti" dik il-proprjeta` lil ħaddieħor, fis-sens li xi awtorita` pubblika tieħu dik il-proprjeta` biex tiddisponi minnha hi fl-interess pubbliku. Kulma tagħmel Qorti f'sentenza li hija tagħti huwa li tiddetermina, dwar xi ġid partikolari, il-jeddijiet tar-rispettivi kontendenti dwar dak il-ġid, skond il-liġijiet applikabbli għall-każ. Li wieħed jgħid li, għaliex il-Qorti, f'xi każ partikolari, tkun applikat il-liġi t-tajba b'mod li xi waħda mill-partijiet tispiċċa ma tiħux dak il-ġid f'idejha, ma jista' qatt jitfisser bħala l-ksur tal-jedd ta' dik il-persuna għat-tgawdija ta' ħwejjiġha;

"Illi r-rikorrenti tipprova tiċċara l-parametri veri tal-ilment tagħha fis-sottomissjonijiet finali tagħha meta tgħid li huwa minħabba l-mod kif il-Qorti tal-Appell interpretat l-artikolu 9(b) tal-Kap 69 li bih l-intimat Dingli qiegħed jiġi mħolli jikser id-dritt tagħha li tgawdi ħwejjiġha, u dan billi ma

ngħatax każ tal-fatt li l-intimat għandu post ieħor fejn imur joqgħod jekk irid. Hija tmur lil hinn kinn hekk u tgħid li l-intimat qiegħed jaġixxi b'mala fidi u l-Qorti (bħala wieħed mill-organi ewlenin tal-Istat), bl-interpretazzjoni li tat għal-liġi applikabbli, qegħda tgħinu jkompli jisħaq il-jedd fundamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija ta' ħwejjiġha. F'dan ir-rigward, hija tqis li l-qagħda li nħolqot bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) hija waħda ta' "*horizontal effect*" fejn l-Istat jew jonqos milli jżomm jew attivament jgħin persuna privata biex tikser xi jedd fondamentali ta' persuna privata oħra;

"Illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi li kull persuna għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd m'għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti mil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali. Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta` skond l-interess ġenerali, jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pwieni;

"Illi fit-tifsira u l-applikazzjoni li ngħatat mill-Qrati dwar l-imsemmija dispożizzjoni bħala parti mil-liġi tagħna, ingħad li din testendi biex tħares it-tgawdija ħielsa mill-persuna dwar ħwejjiġha (il-possedimenti tagħha) u mhux biss il-ħarsien mit-teħid ta' pussess kif maħsub fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Fil-każ tal-lum, ir-rikorrenti m'hijiex tallega ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, imma biss tal-artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

"Illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli. L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b)

biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pwieni. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita` u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat (f'dan il-każ, l-esproprjazzjoni). Dwar it-tifsir xieraq ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna diġa'[14] taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra;

"Illi, fuq kollox, l-imsemmija tliet regoli tal-artikolu 1 huma msenslin waħda mal-oħra u għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin[15]. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta` demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi;

"Illi ta' min jgħid li l-imsemmi artikolu jirreferi għall-**interess** pubbliku jew ġenerali, u mhux għas-**skop** pubbliku, u huwa dan il-kriterju tal-interess li huwa l-qofol u jħoll u jorbot jekk għamil jiksirx dak l-artikolu konvenzjonali[16]. Il-kejl biex jitqies jekk tali interess pubbliku jew ġenerali jinstabx huwa dak li jqis jekk f'għamil partikolari joħroġx il-"*fair balance ... between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1*"[17];

"Illi huwa stabilit li biex indħil fit-tgawdija tal-ġid ta' persuna jkun ġustifikat fl-interess ġenerali, irid jintwera li hemm

---

[14] Ara, per eżempju, Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Pawlu Cachia vs Avukat Ġenerali et***

[15] ***Sporrong & Lonnroth vs Sweden*** **23.9.1982** (Applik. Nru. 7151/75) par. 61

[16] Kost. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Mousu' et vs Direttur tal-Lottu Pubbliku et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.246**) (kawża dwar esproprju ta' post biex jintuża bħala banka tal-lottu)

[17] ECHR **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Sweden*** (Applik.Nru. 7151/75), par. 69

utilita` konkreta għal dak l-indħil, u mhux sempliċi ipotesi ta' bżonn jew aspirazzjoni[18]. Minbarra dan, l-interess ġenerali jew pubbliku għandu jibqa' jseħħ għaż-żmien kollu tal-indħil fit-tgawdija tal-ġid tal-persuna[19];

"Illi huwa mgħallem li, għall-finijiet ta' l-artikolu 1, "*there will be deprivation of property only where all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect. ... In the absence of a formal extinction of the owner's right, the Court has been very cautious about accepting that a* de facto *deprivation of property qualifies as a 'deprivation' for the purposes of Article 1/2.* De facto *takings are generally understood to occur when the authorities interfere substantially with the enjoyment of possessions without formally divesting the owner of his title*."[20] Minbarra dan, huwa aċċettat li s-setgħa tal-Istat li jindaħal biex b'liġi jikkontrolla l-użu tal-ġid taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll hija setgħa wiesgħa u diskrezzjonali. Dejjem jibqa' l-ħtieġa li jintwera (mill-istess Stat) l-interess ġenerali u l-bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-individwu u dak tal-komunita', imma l-għadd ta' kontrolli dwar l-użu li jistgħu jinħolqu jinfirex f'bosta oqsma;

"Illi minn eżami tal-provi li ħarġu waqt is-smigħ tal-kawża, jirriżulta li, fiż-żmien li kienet miexja l-kawża, l-intimat Dingli kien kiseb art b'ċens fl-Imqabba stess u bena fuqha garaxx u dar. Id-dar kien għamel żmien joqgħod fiha ħu l-intimat. Jidher li, sa ftit żmien qabel ma ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fi Frar tal-1997, il-post kien tbattal, imma ħu l-intimat kien għadu jżomm iċ-ċavetta tal-post f'idejh. Joħroġ ukoll li mart l-intimat, Olivia Dingli, ilha s-snin tbati minn kundizzjoni mentali mwiegħra li, f'biċċa minnha, tintrabat mal-biżgħa tagħha li hi u żewġha jinħarġu mill-post in kwestjoni[21]. Jirriżulta wkoll li llum il-post li r-rikorrenti għadha trid lura f'idejha għadu mhux abitat minn ħadd;

---

[18] Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)
[19] Kost. **10.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Beżżina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet***
[20] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention of Human Rights , paġġ. 527-8
[21] Xhieda ta' Dr.Peter Muscat 23.5.2005, f'paġġ. 163-181 tal-proċess

"Illi l-qofol kollu tal-kwestjoni kif tinstilet minn dawn il-fatti hu jekk kemm-il darba dawn il-fatti – jekk kienu magħrufa mill-Qorti qabel l-għoti tas-sentenza – kinux jissarrfu fi ksur tal-jedd tar-rikorrenti għat-tgawdija ta' ġidha. Wara li din il-Qorti qieset l-argumenti mressqa mill-partijiet, hija tasal għall-fehma li dan il-ksur ma jirriżultax. L-element ewlieni li fuqu jinbena l-artikolu 9(b) tal-Kap 69 m'huwiex il-fatt li l-kerrej ikollu dar jew post ieħor fejn imur jgħix jekk kemm-il darba s-sid jieħu lura l-post mikri. L-element ewlieni u li jrid jiġi ippruvat kif imiss mis-sid huwa l-prova min-naħa tiegħu li huwa għandu bżonn il-post mikri għar-raġunijiet maħsuba mil-liġi. Il-fatt li l-inkwilin jista' jkollu post ieħor disponibbli għalih hija biss konsiderazzjoni li titqies għall-kwestjoni tat-tbatija fit-tkeċċija tal-kerrej mill-post, imma hija konsiderazzjoni li wieħed jasal għaliha biss jekk u meta s-sid iseħħlu juri l-bżonn tassew u ġenwinament. Fil-każ tar-rikorrenti, kien sewwasew dan l-element tal-ħtieġa li tieħu l-post lura li ma ikkonvinċiex lill-Qorti tal-Appell. Mela, ma kienx il-każ li l-Qorti, fit-tifsira mogħtija lill-artikolu 9(b), tat ir-riħ fil-qala lill-intimat Dingli biex ikompli jabbuża mill-jeddijiet tar-rikorrenti;

"Illi jista' jkun sintomatiku wkoll il-fatt li, kif ħareġ lejn l-aħħar fażijiet ta' din il-kawża, fl-2004 r-rikorrenti kienet fetħet kawża oħra għar-ripreża quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera li, għal darb'oħra, ma marritx kif xtaqet ir-rikorrenti kemm quddiem il-Bord u kif ukoll fi grad tal-appell. Għal darb'oħra, ir-raġuni għat-talba tagħha biex tieħu l-post lura kienet il-bżonn tagħha li tieħu l-post, u, għal darb'oħra, l-organi ġudizzjarji kompetenti sabu li dak il-bżonn ma ntweriex sodisfaċentement. Dan il-fatt jindika li r-rikorrenti reġgħet straħet fuq l-istess dispożizzjoni tal-Ordinanza li dwarha kienet ressqet l-ewwel kawża kontra l-intimat Dingli. Jindika wkoll li, bħal fl-ewwel okkażjoni, il-kwestjoni ewlenija tal-bżonn ma ġietx ippruvata, minkejja li l-intimat intwera li kellu post ieħor disponibbli għalih kieku ried;

"Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, joħroġ li ma jistax jingħad li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Frar, 1997, b'xi mod

ikkostitwiet nuqqas ta’ bilanċ bejn l-interessi tar-rikorrenti, bħala sid il-post, u l-intimat Dingli, bħala l-kerrej, ladarba r-rikorrenti naqset milli twettaq obbligu probatorju li kien jiddependi minnha biss u qabel kollox;

“Illi, għalhekk, il-Qorti ma tistax issib li dik is-sentenza tassew ġabet ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija ta’ ħwejjiġha...”

<u>**L-appell**</u>

**8.** Maria Muscat appellat minn din is-sentenza b’rikors prezentat fl-14 ta’ Dicembru 2006. L-aggravji taghha – li ghalkemm jidher li kienu ser jigu enumerati ghall-konvenjenza ta’ kulhadd, spiccaw biex ma gewx – jistghu jigu sintetizzati hekk:

(**i**) L-ewwel Qorti jidher li kienet negattivament impressjonata *“bil-portata tar-rikors promotur”*, fis-sens li dik il-Qorti donnha staghgbet li flok ma kien qed jigi allegat ksur tal-Artikolu 6 – stante li kien l-operat ta’ qorti li kien qed jigi sindakat – kien qed jigi allegat ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Skond l-appellanti *“Jekk il-Qorti Ewropea halliet il-bieb miftuh ghall-possibilita` li xi qorti tirrendi ruhha responsabbli ghal vjolazzjoni ta’ xi jedd iehor li ma jkunx l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea billi tonqos li tosserva jew timplimenta kif imiss dak il-jedd l-iehor, ma setghetx l-Ewwel Onorabbli Qorti taghlaq il-bieb ghal din il-possibilita` u tistabilixxi li qorti tista’ tirrendi ruhha responsabbli biss ghal vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 6 u xejn aktar.”*

(**ii**) L-ewwel Qorti naqset milli tapprezza korrettement it-thaddim tal-principju dwar *“horizontal effect”* tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll tal-principju tal-*“positive obligations”*.

(**iii**) Ir-rikorrenti terga’ ttenni li bl-interpretazzjoni li tat il-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) ghat-tifsira ta’ “bzonn” gie lez id-dritt taghha salvagwardat bl-imsemmi Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Hija tkompli hekk:

*"Bizzejjed wiehed ihares lejn ir-rapport maghmul mill-Periti tal-Bord li Jirregola l-Kera esibit f'dawn l-atti sabiex jigi stabbilit kemm tassew ghandha bzonn din il-proprjeta` taghha r-rikorrenti. Bl-interpretazzjoni ta' 'bzonn' moghtija minnha, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, bir-rispett kollu, la rrispettat il-jedd tad-dgawdija pacifika tal-proprjeta` tar-rikorrenti, wisq anqas implimentat u enforzat dak il-jedd taghha…l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell rat illi tabilhaqq Benny Dingli kellu 'suitable alternative accommodation' izda qalet li ma kinitx konvinta mill-bzonn tar-rikorrenti, u dan meta l-bzonn tar-rikorrenti (kif irrizulta kemm fil-proceduri tal-appell lamentati, kemm fil-proceduri l-ohra msemmija mill-Qorti f'pagna 13 tas-sentenza appellata, kif ukoll fil-proceduri odjerni) huwa evidentissimu."* Skond l-appellanti, galadarba l-kerrej kellu post iehor ta' abitazzjoni u hi ghandha bzonn tirriprendi pussess tal-fond taghha, bil-"protezzjoni" li l-organu gudizzjarju jkun qed jaghti lill-kerrej huwa jkun qieghed jilledi d-dritt tas-sid skond l-imsemmi Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

**9.** Ghalhekk l-appellanti talbet ir-riforma tas-sentenza appellata billi, filwaqt li din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li biha lliberat lill-Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju, thassarha u tirrevokaha fil-bqija u cioe` in kwantu cahdet it-talba tar-rikorrenti li gie lez id-dritt fondamentali taghha garantit bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

**10.** Fir-risposta tieghu l-Avukat Generali jibda biex josserva li l-qrati ma jaghmlux il-ligijiet izda biss japplikawhom u, fejn ikun mehtieg, jinterpretawhom. Huwa jissottolinea li l-appellanti mhix qed tallega li r-rekwizit tal-bzonn (ghar-ripresa da parti tas-sid tal-fond mikri) jilledi d-dritt fondamentali taghha, izda li l-Qorti ta' l-Appell malament iddecidiet hi hija ma kellhiex tali 'bzonn'. Ghalhekk, skond l-Avukat Generali, dak li qed tipprova taghmel ir-rikorrenti huwa semplicement li titlob ri-evalwazzjoni tal-provi gja migjuba quddiem il-Bord li jirregola l-Kera u l-Qorti tal-Appell.

**11.** Fir-risposta tieghu Benny Dingli sahaq li s-sentenza appellata kienet gusta u li kienet ghalhekk timmerita konferma. Fisser li l-aggravju tal-appellanti riferibbilment ghall-*“horizontal effect”* kien gie indirizzat – fis-sens li l-principju kien gie korrettement ikkunsidrat – mill-Prim Awla fis-sentenza taghha. Huwa jghid li kemm il-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) bhall-Qorti tal-Appell qabilha (cioe` fis-sentenza li tat lok ghall-proceduri odjerni) kienet konvinta li ma kienx jezisti l-element ta’ bzonn allegat mill-appellanti. Huwa jirreferi wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Maria Muscat v. Benny Dingli** fl-4 ta’ Ottubru 2006 (u allura deciza ftit gimghat qabel ma giet deciza s-sentenza appellata) fejn ghal darb’ohra l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx jezisti l-‘bzonn’ rikjest mil-ligi.

**12.** Fl-udjenza ta’ Frar 2007 quddiem din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – l-abbili difensur tal-appellanti rega’ tenna (u vverbalizza) illi *“…dak li qed jigi attakkat bil-procedura kostituzzjonali odjerna ma hux il-paragrafu (b) tal-Art. 9 tal-Kap. 69, izda l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell f’dan il-kaz partikolari cioe` ta’ bejn Muscat u Dingli ta’ dik id-disposizzjoni.”* Fl-imsemmija udjenza d-difensur ta’ l-appellat Dingli obbliga ruhu li jezibixxi kopja tas-sentenza tal-4 ta’ Ottubru 2006 imsemmija fir-risposta ta’ l-istess appellat. Din il-kopja giet fil-fatt ezibita, bin-notifika tad-difensur tal-appellanti, fid-19 ta’ Frar 2007.

## Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti

**13.** Din il-Qorti, bhal dik ta’ qabilha, ssibha ftit difficli tifhem kif ir-rikorrenti tista’, f’dan il-kaz, tavanza pretensjoni, imqar fuq bazi *prima facie*, ta’ lezjoni tad-dritt fondamentali taghha ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha meta hija stess qed tghid car u tond – u dan qalitu ghal darba darbtejn – illi hi mhix tikkontesta jew tattakka l-ligi *ut sic* izda l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tad-disposizzjoni in kwistjoni. Huwa principju elementari tal-ermenewtika legali li meta qorti “tinterpreta” ligi – fejn tali interpretazzjoni tkun mehtiega – hija ma tkun qed taghmel xejn aktar milli tiddetermina s-sinjifikat veru u l-portata vera ta’ dik il-ligi.

Fi kliem iehor, il-qorti ma tkunx qed taghmel hi l-ligi (bhalma jista' jkun il-kaz, ghall-anqas fit-teorija, f'gurisdizzjonijiet hekk imsejha *common law*) izda semplicement ticcara l-ligi, li pero` tibqa dik li hi. Kien f'dan is-sens li l-ewwel Qorti rrimarkat li *"l-mod kif ir-rikorrenti impostat ir-rikors taghha m'huwiex wiehed ortodoss ghall-ahhar."* L-ewwel aggravju tal-appellanti, apparti li ma jiccentra xejn dwar il-veru meritu tal-vertenza odjerna, juri semplicement li l-appellanti qed tipprova taqbad mat-tiben – biex wiehed juza espressjoni Ingliza tradotta ghall-Malti – fi sforz biex taghti sembjanza ta' sustanza lill-appell taghha. Huwa minnu li huwa possibbli li jekk qorti taghti interpretazzjoni stralunata ta' xi disposizzjoni tal-ligi – b'tali mod li tkun qed tivvinta l-ligi – dik is-suppost "interpretazzjoni" tista' tkun, wahedha u fiha nnifisha, leziva tad-dritt (fondamentali jew xort'ohra) ta' parti jew ohra f'kawza. Ghalhekk dak li huwa verament importanti f'din il-kawza huwa jekk fil-fatt kienx hemm, da parti tal-Qorti tal-Appell (fis-sentenza taghha tal-24 ta' Frar 1997) xi interpretazzjoni simili.

**14.** Anqas ma huma relevanti ghall-finijiet ta' dan il-kaz il-principji tal-*horizontal effect* u tal-*positive obligations* li huma normalment diskussi fil-letteratura dwar il-Konvenzjoni Ewropea fil-kuntest tal-kuncett tad-*drittwirkung* [22]. Hawn mhux il-kaz li qed jigi allegat semplicement li Benny Dingli ghamel jew naqas li jaghmel xi haga li permezz taghha huwa, indipendentement mill-involviment jew intervent tal-Istat jew tal-organi tieghu, kiser id-dritt fondamentali tal-appellanti, izda li proprju l-lezjoni sehhet minhabba l-"interpretazzjoni" moghtija minn organu ta' l-Istat – il-Qorti tal-Appell – lil-ligi in kwistjoni. Ghalhekk anke dan it-tieni aggravju ma jiccentra xejn ghar-risoluzzjoni tal-vertenza.

**14A.** Huwa wkoll principju elementari tad-dritt kostituzzjonali li kawza ghal allegat ksur ta' xi dritt

[22] Ara, fost ohrajn, Harris D. J., O'Boyle M. u Warbrick C. **Law of the European Convention on Human Rights** Butterworths (London), 1995, pp. 19-22; van Dijk u van Hoof **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** Kluwer (The Hague), 1998, pp. 22-26; Jacobs and White **The European Convention on Human Rights** OUP, 2006, pp. 51-52.

fondamentali (sia jekk sancit bil-Kostituzzjoni ta' Malta u sia jekk sancit bil-Konvenzjoni Ewropea) m'ghandhiex isservi bhala semplici appell tat-tielet istanza. Eppure huwa proprju dak li qed tipprova taghmel l-appellanti b'dawn il-proceduri ta' indoli kostituzzjonali, u cioe` li tistieden lil Prim Awla fil-kompetenza kostituzzjonali taghha u lil din il-Qorti biex jergghu jirriezaminaw il-provi li kellhom quddiemhom il-Bord li Jirregola l-Kera u l-Qorti tal-Appell u jaslu ghal konkluzjoni diversa minn dik li waslet ghaliha l-Qorti tal-Appell meta rriteniet li l-appellanti ma kenitx issodisfat l-ewwel parti tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 9 tal-Kap. 69. Dan jirrizulta car mit-tielet aggravju taghha, kif hawn aktar 'l fuq in succint riportat. Invece, u kif diga` inghad, dak li din il-Qorti ghandha – u qabilha l-Prim Awla kellha – taghmel hu li tara jekk bis-sentenza taghha tal-24 ta' Frar 1997 il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tatx xi interpretazzjoni, jew addirittura ghamlitx xi pronunzjament, determinanti ghall-ezitu tal-vertenza li kellha quddiemha, li jikkontrasta b'tali mod ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 9(b) li wiehed jista' jghid li kien manifestament jezorbitat mill-kompitu taghha li tinterpreta u/jew tapplika l-ligi in dizamina.

**15.** Issa ma hemmx dubju li d-disposizzjoni in dizamina – disposizzjoni li, jerga' jigi mtenni, l-appellanti mhix tattakka *ut sic* – fi sforz biex jintlahaq bilanc bejn l-interessi tas-sid u dak tal-kerrej, u dan fl-"interess generali", tirrikjedi li meta si tratta ta' fond (li ma jkunx hanut) is-sid ikun jista' jiehu l-fond lura jekk ikun irid ("requires" fit-test Ingliz, *ergo* il-kuncett ta' "bzonn") il-fond jew biex joqghod hu nnifsu fih, jew biex fih joqghod axxendent jew dixxendent, jew huh jew ohtu. Hija gurisprudenza stabbilita li qabel ma jintwera dan il-"bzonn" il-Qorti – Bord jew Qorti tal-Appell – m'ghandhiex ghalfejn tidhol fit-tieni parti tal-paragrafu (b) u tara jekk il-kerrej ghandux "alternative accommodation" u tistharreg u tivvaluta il-"hardship" rispettiv tal-partijiet (il-*proviso* tal-paragrafu (b)). Ezami tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-24 ta' Frar 1997 li tat lok ghal din il-kawza – minhabba l-interpretazzjoni li tat ta' "bzonn" jew minhabba l-applikazzjoni tal-ligi ghall-fatti li kellha quddiemha – juri li, wara li dik il-Qorti rriproduciet silta mix-xhieda li l-appellanti odjerna kienet tat quddiem il-

Bord fejn, fost affarijiet ohra, qalet li l-post li tieghu kienet qed titlob ir-ripresa ma kellhiex x'tambih u riditu biex tbieghu, dik il-Qorti qalet hekk:

"Fid-dawl ta' dawn id-dikjarazzjonijiet kategorici u univoci tas-sid rikorrenti [Maria Muscat] illi l-fond *de quo* hi ma kellhiex x'tambih u li hi kienet qed titlob ir-ripresa tieghu biex tbieghu, hu sorprendenti kif il-Bord seta' jasal ghall-konkluzjoni illi r-rikorrenti ppruvat li kellha bzonn ragjonevoli fit-termini tas-subinciz (b) ta' l-artikolu 9 tal-Kap. 69. Il-Bord jidher li ta interpretazzjoni mill-aktar wiesgha ta' dan il-bzonn lil hinn minn dik li kienet konsentita kemm mid-dicitura tal-ligi, kif ukoll mill-gurisprudenza. Infatti l-interpretazzjoni tal-Bord, in effetti, prattikament telimina l-htiega ta' evalwazzjoni tac-cirkostanzi li fuqhom is-sid jallega l-bzonn tieghu. Dan ghax il-Bord donnu jekwipara d-definizzjoni tal-bzonn fir-rigward tas-sid mad-dritt tal-proprjeta` u jqisu li jestendi ghal kull tip ta' bzonn – *ius utendi et abutendi* – u dan sal-punt li jinkludi 'ukoll id-dritt tas-sid, una volta li l-fond ikun fil-pussess tieghu, li jiddisponi mill-istess fond kif jidhirlu xieraq u skond ic-cirkostanzi'. Interpretazzjoni estensiva ta' din ix-xorta la tidher gustifikata mill-kelma tal-ligi u wisq inqas mill-ispirtu taghha…Gie ukoll kostantement ritenut illi 'ma tinghatax ripresa meta l-iskop (tas-sid) ikun wiehed ta' spekulazzjoni kummercjali jew ta' lokazzjoni lil haddiehor u simili' (Aquilina v. Sammut[23]) kif lanqas hi meqjusa raguni tajba ghas-sid li jirriprendi l-pussess tal-fond biex jaghmel miljoramenti tal-fond, bhal, per ezempju, biex jikkonvertih f'appartamenti, u dan anke jekk tigi offerta lill-inkwilin akkomodazzjoni alternattiva xierqa…Din il-Qorti allura ma tarax kif tista' taccetta l-konkluzzjoni tal-Bord illi jirrizulta l-bzonn ragjonevoli rikjest mil-ligi sabiex ir-rikorrenti appellati jiehdu lura l-pussess tal-fond."

**16.** F'dan kollu hawn riprodott, din il-Qorti ma tara xejn li b'xi mod jiddipartixxi minn dak li tghid testwalment il-ligi fl-imsemmi Artikolu 9(b) – u ghalhekk il-Qorti ta' l-Appell semplicement <u>applikat</u> il-ligi ghal fatti li kellha quddiemha.

[23] **Gaetana Aquilina v. Paul sive Anglu Sammut et** Qorti ta' l-Appell 13/4/1994.

Galadarba l-ligi mhix qed tigi kontestata ossia attakkata bhala li *per se* tilledi d-drittijiet tar-rikorrenti, isegwi neccessarjament, kif korrettement ritenut fis-sentenza appellata, li t-talba tar-rikorrenti Maria Muscat ghalbiex jigi ddikjarat li gie vjolat fil-konfront taghha l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni bl-interpretazzjoni moghtija fis-sentenza tal-24 ta' Frar 1997, ghandha tigi michuda. Isegwi ukoll li l-aggravji taghha fir-rikors tal-appell ghandhom ukoll jigu michuda, u s-sentenza appellata konfermata.

**<u>Decide</u>**

**17.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu kollha mill-appellanti Maria Muscat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------